MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Numru 209/2006

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Brian Mallia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Brian Mallia ta’ karta ta’ identita’ numru 321374(M) akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, fl-4 ta’ Frar, 2005 u/jew fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmenijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1(A). fil-25 ta’ Novembru, 2004, bejn l-10:00a.m. u l-11:15a.m., mill-fond nru. 22, Triq l-Isqof Buhagiar, Paola ikkommetta serq ta’ gojjellerija u/jew oggetti ohra, liema

serq hu aggravat bil-mezz, ai termini ta' l-artikolu 263(a) tal-Kapitolu 9; bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin, u bil-lok, ai termini ta' l-Artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9;
1(B). fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2(A). fit-30 ta' Novembru, 2004, bejn it-8:15a.m. u t-3:00p.m., mill-fond numru 10, Lumic, Triq il-Ktajjen, Swieqi ikkommetta serq ta' gojjellerija u/jew oggetti ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, ai termini ta' l-Artikolu 263(a) tal-Kapitolu 9; bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, u bil-lok, ai termini ta' l-Artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9;
2(B). fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltin ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9;

3(A). fl-4 ta' Frar, 2005, bejn il-11:30a.m. u 12:15p.m., mill-fond nru. 119, il-Hemsija, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard, ikkommetta serq ta' gojjellerija u/jew oggetti ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, ai termini ta' l-Artikolu 263(a) tal-Kapitolu 9; bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, u bil-lok, ai termini ta' l-Artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9;
3(B). fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin, imma izjed minn hamsin lira Maltin ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9;
4. f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Novembru, 2004, u/jew fix-xhur ta' qabel, kiser il-provvediment ta' l-Artikolu 28G u 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kien gie mpost fuqu permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Jannar, 2003, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

5. fl-4 ta' Frar, 2005 u/jew fix-xhur ta' qabel sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta'

Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha u semghet lid-Deputat Registratur tixhed u tesebixxi l-proces verbal.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat f'din l-ewwel udjenza, wara li rat l-Artikolu 261, 263, 269, 281, 279, 278, 325, 17(h), 31, 18, 49 u 50, tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------